MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 1197/2002

Kawza fil-lista: 49

**A B**
**Vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Peress illi l-kontendenti zzewgu fl-4 ta' Awissu 1985 (Dok A);

Peress illi l-hajja konjugali giet resa mpossibli minhabba adulterju, mohqrija, sevizzi, ingurji gravi u theddid kommesi mill-konvenuta fil-konfront ta' l-attur kif ukoll minhabba inkompatibilita' ta' karattru;

Peress illi miz-zwieg twieldu tlitt itfal ossia D ta' sittax-il sena, E ta' tlettax-il sena u F ta' seba' snin skond ma jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid immarkat Dok. B, C u D.

Peress illi l-attur kien awtorizzat jipprocedi ghas-separazzjoni personali permezz ta' Digriet tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili datat 9 ta' Ottubru 2002 (Dok E u F).

Tghid il-konvenuta ghaliex m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi B u dana minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenuta kif hawn fuq inghad.

2. Tiffissa granet u hinijiet ghall-access tal-minuri.

3. Tapplika kontra l-konvenuta s-sanzjonijiet kontemplati fil-ligi fosthom l-artikoli 48 tal-kap. 16.

4. Ixxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwidha u taqsam l-istess f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lil kull wiehed mill-partijiet, bl-applikazzjoni tas-sanzjonijiet mensjonati fit-tielet talba, okkorrendo billi tinnomina periti nominandi.

5. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att opportun tal-qasma u assenjazzjoni u Kuratur sabiex jirraprezenta l-kontumacja tal-konvenuta f'kaz ta' bzonn.

6. Tikkundanna lill-konvenuta tirrestitwixxi lill-attur il-proprjeta kollha tieghu parafernali jew il-valur taghha.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija ngunta in subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li biha eccepiet:

1. Li filwaqt li taqbel li ghandha tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejnha u bejn zewgha, iz-zwieg

taghhom tfarrak unikament minhabba tortijiet tal-attur u bil-presenti qed tipprezenta kontro-talba f'dan is-sens.

2. Illi t-tfal huma fdati fil-kura u kustodja taghha u t-tieni talba ghandha tigi ikkonsidrata tenut kont l-ahjar interessi tal-minuri.

3. Illi t-tielet talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li l-eccipjenti mhiex hatja ta' ebda tort li tiggustifika l-applikazzjoni kontriha tas-sanzjonijiet imsemmija.

4. Illi taqbel li l-komunjoni tal-akkwisti ghandha tigi xjolta, likwidata u assenjata lill-partijiet, kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni, u ghandha tigi stabbilita data li minn dik id-data l-attur ma jitqiesx li ghandu jippartecipa fl-akkwisti maghmula bix-xoghol u bil-hila tal-eccipjenti.

5. Il-hames talba attrici hija vessatorja u ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

6. Illi s-sitt talba ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li l-eccipjenti m'ghandhiex beni parafernali tal-attur.

7. Salvi eccezzjoniijet ulterjuri u b'riserva ghall-anness kontro talba.

8. Bl-ispejjez kontra l-attur ingunt minn issa stess in subizzjoni.

Rat il-kontro talba tal-konvenuta rikonvenzjonanti li biha ppremettiet u talbet hekk:

Peress li l-kontendenti izzewgu fl-erbgha (4) ta' Awissu tas-sena 1985 u miz-zwieg taghhom kellhom tlett itfal u cioe D, E, u F, ahwa B, li ilkoll huma minorenni.

U peress li l-hajja konjugali saret impossibli minhabba abbandun, mohqrija, sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi kommessi kontriha mill-attur rikonvenzjonat, u minhabba li tkissret irrevokabilment;

U peress li ghal dawn ir-ragunijiet, l-konvenuta talbet u ottjeniet l-awtorizzazzjoni mehtiega mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili sabiex tipprocedi f'dina l-istanza kontra zewgha ghas-separazzjoni personali u dana skond Digriet moghti minn dik il-Qorti fid-9 ta' Ottubru 2002 (Dok A);

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi;

Jghid l-attur rikonvenzjonat il-ghaliex:-

1. M'ghandhiex tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-konjugi B minhabba abbandun, mohqrija, sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi li zewgha ikkommetta kontriha jew minhabba li z-zwieg tkisser irrevokabilment;

2. Tikkonferma l-affidament tal-kura u kustodja tal-wild minuri lill-konvenuta salv l-access favur zewgha li ghandu jigi stabbilit f'dawk il-modalitajiet xierqa fl-ahjar interess tal-minuri;

3. M'ghandux l-imsemmi attur jigi kkundannat li jhallas lill-martu ghaliha u ghall-minuri ahwa B dik ir-retta alimentarja lilha dovuta skond il-Ligi b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda skond l-gholi tal-hajja, li ghandhom jigu ffissati minn din il-Qorti u jigi ordnat li l-manteniment hekk stabbilit jithallas lill-attrici direttament mill-employer tal-attur jew mill-persuna jew ufficjal inkarigat li johrog is-salarju tieghu;

4. M'ghandhomx jigu applikati kontra l-imsemmi attur rikonvenzjonat l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili (1984 ed.) in toto jew in parte u sanzjonijet ohra ikkontemplati mill-Ligi;

5. M'ghandhiex tigi dikjarata xjolta il-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet illi jigu assenjati lill-partijiet rispettivament okkorrendo b'opera ta' perit nominand sabiex jillikwida l-istess komunjoni, u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-

eventwali kontumacja fuq l-istess att, u billi tigi stabbilita data li minn dik id-data l-attur rikonvenzjonat ma jippartecipax fl-akkwisti maghmula bix-xoghol u bil-hila tal-konvenuta;

6. M'ghandhomx jigu likwidati l-assi komuni bejn il-partijiet u formanti f'zewg porzjonijet ugwali li ghandhom jigu assenjati lil kull parti rispettivament, fosthom id-dar matrimonjali kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

7. Tikkundanna lill-attur li jikkonsenja lill-konvenuta il-beni parafernali u dotali taghha;

8. Tawtorizza lill-konvenuta li tabita fid-dar matrimonjali Papillon fi Triq il-Wasliet, Swieqi as eskluzzjoni tal-attur previa terminu moghti lill-attur biex jivvaka l-istess dar bl-effetti kollha tieghu;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri inkorsi quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili u cioe tad-Digriet u prorogi u tal-Mandati pprezentati mill-attrici kontra l-konvenut, ingunt minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attur rikonvenzjonat li biha eccepixxa:

Illi huwa jaqbel illi tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali pero ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenuta.

Illi huwa jaqbel illi l-kura u kustodja tal-minuri ghandha tinghata lill-konvenuta purche li jkun hemm access adegwat.

Illi huwa jopponi li jigi kkundannat ihallas manteniment lill-konvenuta peress illi din tahdem u ghandha introjtu tajjeb u ghandha relazzjoni ma' ragel iehor. Pero ma jopponix illi jhallas manteniment ghall-minuri, liema manteniment ikun jirrifletti l-qaghda finanzjarja tieghu.

Illi huwa jopponi ghar-raba' talba dwar sanzjonijiet peress illi l-firda sehhet tort tal-konvenuta u mhux tort tieghu.

Illi huwa ma jopponix ghall-hames talba li tigi xjolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti pero jopponi li tigi stabbilita data li minnha huwa ma jippartecipax fl-akkwisti. Din is-sanzjoni ghandha tigi applikata fil-konfront tal-konvenuta.

Illi huwa ma jopponix ghal-likwidazzjoni ta’ l-assi komuni pero’ bl-applikazzjoni kontra l-konvenuta tas-sanzjonijiet kontemplata fil-ligi.

Illi rigwardanti s-seba’ talba, ossia assi parafernali, l-eponent isostni illi l-konvenuta ghandha tiehu biss Lm6,000 fi flus.

Illi huwa jopponi ghat-tmien talba biex il-konvenuta tirisjedi fid-dar matrimonjali stante illi din id-dar hija proprjeta parafernali tieghu u stante ukoll illi l-konvenuta rendiet ruhha hatja tal-firda bejn il-kontendenti.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat ir-rapport tal-perit tekniku l-AIC Valerio Schembri minnu debitament mahluf;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semget ix-xhida bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna kif ukoll tal-kontro talba relattiva, il-partijiet qeghdin jitlobu s-separazzjoni personali bejniethom; kif ukoll li din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali.

Illi, filwaqt li l-azzjoni attrici hija bazata fuq il-fatturi kontemplati fl-Artikoli 38 u 40 tal-Kap.16, il-kontro talba hija bazata fuq l-Artikoli 40 u 41 ta’ l-istess Kap.

**Separazzjoni Personali**

Illi l-partijiet izzewwgu fl-4 ta’ Awissu 1985, u minn dan iz-zwieg ghandhom tlett it-tfal, D, E u F Kate li twieldu

rispettivament fid-9 ta’ Settembru 1986, fit-22 ta’ Awissu 1989 u fis-7 ta’ Lulju 1995.

Illi jidher li l-inkwiet serju bejn il-koppja u li wassal ghat-tkissir irrimedjabbli taz-zwieg taghhom, beda meta l-konvenuta harget tahdem barra mid-dar. Minhabba li din kienet tidhol id-dar tard wara l-hinijiet normali tax-xoghol taghha l-attur beda jissuspetta li dina kellha relazzjoni ma terza persuna. Dan beda jwassal ghal inkwiet serju bejn il-koppja u f’ xi okkazzjonijiet l-attur anke refa’ idejh fuq il-konvenuta. Dan gie ammess mill-attur li spjega li huwa kien jaghmel hekk meta kien jigi provokat minn martu. F’ Settembru 2001 l-inkwiet bejn il-koppja pprecipita b’ tal-mod li l-attur kellu jitlaq mid-dar matrimonjali u jmur jghix ma’ ommu.

Illi l-attur isostni li l-konvenuta kellha relazzjoni ma’ terza persuni u kienet infidila lejh, u di fatti qed jimputa l-adulterju da parti taghha. Minn naha taghha l-konvenuta, filwaqt li ghamlet cahda generali ta’ l-allegazzjonijiet li ghamel l-attur fil-konfront taghha, issostni li l-attur huwa hati ta’ abbandun.

Fl-ewwel lok il-Qorti tirrileva li, filwaqt li l-attur ipprezenta affidavit tieghu u sarlu l-kontro ezami, il-konvenuta ma pprezentatx affidavit u l-anqas xehedet dwar l-allegazzjoni maghmula fil-konfront taghha, izda illimitat ruhha ghal cahda generali fin-nota ta’ l-eccezzonijiet.

Illi f’ materja ta’ prova japplika l-principju fundamentali li *onus probandi incumbit ei qui dicit e non ei qui dicit u negantis probatio nulla est*. L-oneru tal-prova tal-fatt tinkombi fuq min qed jallega l-fatt.

Illi rigward l-akkuza ta’ adulterju maghmula mill-attur fil-konfront ta’ martu, jigi osservat li skond gurisprudenza kostanti gie ritenut diversi drabi li minhabba d-diffikulta’ tal-prova okulari tal-kongungiment karnali, l-adulterju jista’ jigi inferit minn indizzji u presunzjonijiet gravi bhal ma huma l-istat ta’ konkubinat.

L-adulterju huwa bla dubju l-kawza l-izjed gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza s-seprazzjoni personali; izda stante d-diffikulta' tal-prova, huwa ormai pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-adulterju jista' jigi ppruvat permezz ta' indizji u presunzjonijiet, purche dawn ikunu gravi, precisi u konkordanti, b' mod li ma jhallu ebda dubju f' min ghandu jiggudika – izda ma hemmx bzonn ta' testimonjanza de visu *[PA Rita Spiteri vs Avk.Dr.Albert Grech Vol.XXXVII.II.693; PA Rosina Micallef vs Angelo Micallef – 27.06.1964]*

Fil-kaz in disamina jigi rilevat li l-provi f' dan ir-rigward huma manifestament lampanti. Ma jirrizultax sodisfacentement provat fil-grad rikjest mill-ligi, li l-konvenuta kienet infidila lejn zewgha l-attur; kif lanqas gie provat li dina kellha relazzjoni ma' terza persuna identifikata mill-istess attur. In propositu l-Qorti tosserva li, apparti mill-fatt li dan it-terz ma tressaqx bhala xhud minn min fuqu jirrisjedi l-oneru tal-prova, izda lanqas tressqet il-persuna li allegatament rahthom hiergin mill-flat fil-Gzira jitbewsu. Din il-persuna, xhud okulari, jekk verament tezisti, ma gietx identifikata mill-attur u lanqas giet prodotta minnu bhala xhud. Izda, minflok, l-attur strah fuq supposizzjonijiet, u provi indiretti dghajfa, li ma jwasslux ghal prova konvincenti tal-fatt minnu allegat.

Inoltre, jigi osservat li l-fatt affirmat mill-attur li l-konvenuta ammettiet mieghu li dina kienet tiltaqa' tiehu kafe' ma' din il-persuna u tiftah qalbha mieghu, anke jekk huwa minnu, ma jammontax per se ghal relazzjoni kif sostnut mill-attur jew ghal xi offiza gravi fil-konfront tieghu.

Ghalhekk fuq l-istregwa tal-konsiderazzjonijiet premessi, il-Qorti tosserva li l-attur ma rnexxielux jipprova li martu kienet infidila lejh jew li kellha xi relazzjoni ma terza persuna.

Illi rigward l-akkuza ta' l-abbandun maghmula mill-konvenuta fil-konfront ta' l-attur, il-Qorti tosserva li din manifestament ma tirrizultax. Di fatti mill-provi jirrizulta li, minhabba l-inkwiet u l-glied li kien qed isehh fid-dar matrimonjali, dana kellu jitlaq mid-dar u jmur jghix ma'

ommu. Dan ma giex kontraddett mill-konvenuta, u din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex m' ghandhiex taghti affidament lill-attur f' dan ir-rigward.

Illi pero' jirrizulta fil-konfront ta' l-attur, ammess minnu stess, li kien hemm okkazzjonijiet fejn dana refa' idejh fuq martu u kkagunalha feriti. Huwa jsostni li huwa kien ikun provokat minnha, u di fatti b' hekk iddecieda li jitlaq mid-dar matrimojali. F' dan ir-rigward il-Qorti tosserva li dan il-komportament ta' l-attur kien konsegwenzjali ghas-sitwazzjoni li zviluppat bejn il-koppja li minhabba fiha ma setghux jibqghu jghixu flimkien, sitwazzjoni li ghandha l-bazi taghha fuq is-suspetti ta' l-attur ta' infedelta' da parti ta' martu. Dan jikkostitwixxi kemm sevizzi kif ukoll offiza gravi da parti tieghu fil-konfront ta' martu: sevizzi, konsitenti fi vjolenza morali u fisika fil-konfront tal-konvenuta rizultat ta' akkuzi kostanti ta' infedelta' maghmula mill-attur, u offiza gravi konsistenti f'akkuzi mhux sufficjentement provati ta' relazzjoni extra matrimonjali da parti ta' martu.

In vista tal-premess il-Qorti hija tal-fehma li f' dan il-kaz iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment b' mod li l-konvivenza bejniethom m'hijiex aktar possibbli. Ghal dan il-fatt huwa responsabbli l-attur li l-komportament u r-reazzjonijiet tieghu wasslu ghal glied kontinwu bejniethom.

**Kura u Kustodja**

Dwar dan l-aspett hemm qbil bejn il-partijiet li l-kura u kustodja ta' l-ulied minuri tibqa' fdata f' idejn il-konvenuta, b' access adegwat ghall-attur.

**Manteniment**

Illi mill-provi jirrizulta li, ghalkemm sa ftit snin ilu z-zewg partijiet kellhom impieg adegwat, fil-mori tal-kawza l-impieg taghhom gie terminat ghar-raguni ta' redundancy; u ghalhekk il-posizzjoni vigenti llum hija li l-konvenuta qeda tghix bil-beneficcju socjali, filwaqt li l-attur qed jirregistra ghax-xoghol.

F' dan ir-rigward il-Qorti tosserva li, stante li l-attur huwa responsabbli ghal firda ta' bejniethom, dan ghandu l-

obbligu li jmantni lill-konvenuta kemm il-darba dina ma taghmilx xoghol bi qligh. Inoltre, l-attur ghandu jhallas manteniment ghal uliedu minuri, E u F, sakemm dawn jaghlqu l-eta' ta' tmientax fit-22 ta' Awissu 2007 u fis-7 ta' Awissu 2013 rispettivament.

Izda fil-prezent, stante li jirrizulta li huwa ma jahdimx[1], huwa ghandu jhallas lill-konvenuta s-somma mensili ta' terz [1/3] li jiehu mill-beneficju socjali bhala manteniment ghaliha u ghal ulied minuri.

Fil-kaz li l-attur jerga' jibda jahdem huwa ghandu jivversa kull xahar ghoxrin fil-mija [20%]  mill-qligh nett tieghu lill-konvenuta bhala manteniment ghaliha; u ghoxrin fil-mija [20%] ohra bhala manteniment ghal ulied minuri sakemm dawn isiru maggjorenni, jew anke qabel jekk jibdew jahdmu bi qligh.

Il-manteniment, kemm tal-konvenuta ghaliha kif ukoll tat-tfal, ghandu jigi versat lill-konvenuta permezz ta' cheque fid-dar residenzjali taghha.

**Dar Matrimonjali**

Illi l-assi principali tal-kontendenti hija d-dar matrimonjali bl-isem "Papillon" sitwata fi Triq il-Wasliet, kantuniera ma' Triq il-Ghajn, Swieqi, mibnija fuq plot numru 14 akkwistata taht skema ta' l-Awtorita' ta' Djar, u stamata mill-perit tekniku fl-ammont ta' Lm120,000 soggetta ghac-cens annuw u perpetwu ta' Lm27.

Illi l-vertenza bejn il-partijiet f' dan ir-rigward hija fis-sens li, filwaqt li l-attur qed isostni li dina hija proprjeta' parafernali tieghu stante li kemm fuq il-konvenju kif ukoll fuq il-kuntratt ta' l-akkwist deher hu biss bhala l-akkwirent, il-konvenuta ssostni li din id-dar hija taz-zewg partijiet u tifforma parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti stante li ttiehdet fuq applikazzjoni ffirmata miz-zewg partijiet u bi skop li tinbeda fuq il-plot id-dar konjugali taghhom.

[1] Dok.EM2 – fol.194

Il-fatti relevanti huma dawn. Fit-28 ta' Settembru 1982 iz-zewg partijiet iffirmaw applikazzjoni mahruga mill-Awtorita' tad-Djar ghall-plots skond l-Avviz nru.496.[2] Fuq din l-applikazzjoni hemm imnizzel b' tipi hoxnin fuq in-naha tal-lemin fuq nett tal-pagna l-kelma "GHARAJJES" u jirrizulta car li dina kienet intiza ghall-akkwist ta' plot minn persuni li huma gharajjes sabiex jibnu d-dar konjugali taghhom. Di fatti minbarra d-dettalji relattivi ghall-attur, hemm dawk tal-konvenuta inkluza l-introitu annwali taghha, li incidentalment f' dak iz-zmien kien jissupera dak ta' l-attur.

Sussegwentement it-talba tal-partijiet giet milqugha u fis-26 ta' Novembru 1982 gie ffirmat mill-attur biss il-konvenju relattiv ghal akkwist tal-plot numru 14 fi Swieqi[3] u eventwalment fil-3 ta' Awissu 1984 gie ppublikat il-kuntratt relattiv ta' l-akkwist li fuqu deher biss l-attur bhala l-akkwirent tal-plot.

Il-konvenuta la deheret fuq il-konvenju u lanqas fuq il-kuntratt ta' l-akkwist, izda fid-9 ta' Awissu 1984 sar kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu li permezz tieghu l-attur, allura gharus, iddikjara ruhu debitur tal-konvenuta, allura gharusa, fis-somma ta' Lm6,000, li dina kienet silfitu ghal bini tal-plot, kawtelat b' ipoteka specjali fuq l-istess plot.

Illi ta' importanza determinanti f' dan ir-rigward hija x-xhieda ta' Leonard Zerafa li jghati dawl qawwi fuq ir-raguni wara l-fatt li, filwaqt li l-applikazzjoni ghal plot kienet kongunta, fuq il-konvenju u l-kuntratt ta' l-akkwist deher biss l-attur u mhux il-konvenuta wkoll. Dan ix-xhud jghid hekk: "Nghid illi C Micallef [il-konvenuta] la deheret fuq il-konvenju u lanqas fuq il-kuntratt peress li l-procedura li kienet tigi addottata mill-Awtorita' dak iz-zmien kienet li jiffirma r-ragel biss." Minn dan jirrizulta car, li dan il-fatt ma kienx xi att volontarju tal-konvenuta li rrizunzjat ghal sehemha mill-plot akkwistata permezz ta' l-applikazzjoni kongunta taghhom, izda kienet "procedura"

[2] Dok.LZ1 – fol.191
[3] Fol.192

amministrattiva addotttata mill-Awtorita' li fuq dawn l-atti jidher l-gharus biss.

Mill-premess jirrizulta car li l-akkwist tal-plot kien da parti tal-kontendenti flimkien bl-attur jagixxi wkoll bhala prestanom b' mandat tacitu tal-konvenuta. Din il-konkluzjoni tinsab fortifikat bis-segwenti fatturi li juru minghajr ombra ta' dubju li z-zewg partijiet kellhom l-intenzjoni li jakkwistaw plot that l-imsemmja skema:

[1] il-fatt provat u accettat anke mill-attur li l-plot giet akkwistata fuq applikazzjoni kongunta that skema offruta lill-gharajjes u lill-mizzewwgin; u li huma kienu applikaw bhala gharajjes biex jibnu d-dar konjugali taghhom;

[2] il-fatt provat u accettat anke mill-attur li l-konvenuta, allura gharusa, kienet harget somma sostanzjali ta' Lm6,000 [li ghal dak iz-zmien kienet sostanzjali u adegwata ghal kostruzzjoni ta' dar] sabiex tinbena fuq il-plot akkwistata proprju sabiex il-koppja tibni d-dar konjugali taghhom;

[3] il-konsiderazzjoni li l-fatt li fuq l-atti deher biss l-attur, ma kienx gej mill-konvenuta, izda kienet procedura ossia policy amministrattiva ta' dak iz-zmien li fi kliem l-imsemmi Leonard Zerafa "Il-Housing Authority kienet dak iz-zmien tavvicina lill-gharus sabiex jiffirma l-konvenju"[4]

In propositu hija opportuna referenza ghall-kaz *PA[PS] Marthese Vella vs George Vella* deciza fit-28 ta' Frar 2003 dan kien kaz fejn l-art li fuqha nbniet id-dar konjugali kienet inxtrat fuq isem ir-ragel peress li l-gharusa kienet ghadha that l-eta' izda l-genituri taghha kkontribwew sostanzjaliment ghax-xiri ta' l-art. Il-Qorti f' dak il-kaz osservat li ma tistax ma tqis il-fatt illi l-akkwist ta' l-art sar anke fl-interess ta' l-attrici li kienet hi li zborzat il-flus ghaliha. "Huwa pacifiku fil-gurisprudenza f'kazijiet konsimili illi l-akkwist ta' immobbli fl-interess ta' haddiehor jiswa avolja l-ftehim dwar dan l-akkwist bejn l-akkwirent u

[4] Fol.207

l-persuna l-ohra ma jkunx sar bil-miktub” [vide kazistika hemm citata]

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-tesi tal-konvenuta li d-dar matrimonjali ghandha tigi kunsidrata appartenenti liz-zewg konjugi fi kwoti wguali hija sostenibbli fid-dritt u fil-fatt; u inoltre, il-konvenuta ghandha kreditu fuq id-dar fl-ammont ta’ Lm6,000 somma mislufa mill-konvenuta, allura gharusa, mill-assi parafernali taghha.

**Mobbli**
Permezz ta’ verbal maghmul mill-partijet fis-seduta peritali tas-17 ta’ Novembru 2003 [fol.200], gie mifthiem bejniethom li l-ghamara tal-komunjoni ghandha tigi assenjata lill-konvenuta, filwaqt li d-deheb tat-tfal ghandhu jibqa’ ghand it-tfal u li d-deheb li nghata lilha mill-attur ghandu jibqa’ proprjeta’ eventwali tat-tfal.

Illi l-vettura tal-marka Peugeot 206 tal-valur ta’ circa Lm7,000 tibqa’ fil-pussess tal-konvenuta, filwaqt li l-van tal-marka Tata tal-valur ta’ circa Lm3,000 jibqa’ ghand l-attur. Il-konvenuta ghandha taghi lill-attur b’ ekwiparazzjoni s-somma ta’ Lm2,000.

Il-flus talvolta ezistenti fil-kontijiet bankarji fid-data tallum ghandhom jinqassmu ugwalment bejn il-partijiet.

**Debiti**
Illi l-kontijiet sallum tat-telefon u tad-dawl u ilma installati fid-dar matrimonjali, kif ukoll ic-cens tad-dar ghandhom jinqassum wgwalment bejn il-partijiet. Dawk relattivi ghall-iskola tat-tfal u li ghadhom pendenti sallum ghandhom ikunu a kariku ta’ l-attur, tenut kont tal-fatt li t-tfal ghadhom fil-kura u kustodja tal-konvneuta u li din ilha ghal certu zmien ggor il-piz ta’ dawn l-ispejjez.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddecidi dwar it-talba attrici u l-kontro talba kif ser jinghad:

[1] tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-konjugi A u C B, u dan ghal htijiet imputabbli lill-attur fit-termini ta' l-Artikolu 40 tal-Kap.16;

[2] tafda l-kura u kustodja tal-minuri E u F f' idejn il-konvenuta, bid-dritt ta' access ghall-attur u bil-modalita' segwenti: fir-rigward ta' E dan ghandu jsir bi qbil maghha stante l-eta' taghha; filwaqt li l-access fil-konfront ta' F ghandhu jkun darbtejn fil-gimgha ghal saghtejn, u gurnata tas-Sibt u tal-Hadd b' mod alternat, mid-9.30 am sas-7.30 pm.

[3] rigward t-talba ghal manteniment, tilqa' t-talba tal-konvenuta rikonvenzjonanti u tafferma d-dritt taghha li tircevi manteniment minghand zewgha, ghaliha u ghal uliedhom miunuri. L-attur ghandu l-obbligu li jmantni lill-konvenuta kemm il-darba dina ma taghmilx xoghol bi qligh.

Inoltre, l-attur ghandu jhallas manteniment ghal uliedu minuri, E u F, sakemm dawn jaghlqu l-eta' ta' tmientax fit-22 ta' Awissu 2007 u fis-7 ta' Awissu 2013 rispettivament.

Izda fil-prezent, stante li jirrizulta mill-atti li huwa ma jahdimx, ghandu jhallas lill-konvenuta s-somma mensili ta' terz [1/3] li jiehu mill-beneficju socjali bhala manteniment ghaliha u ghal uliedhom minuri.

Fil-kaz li l-attur jerga' jibda jahdem huwa ghandu jivversa kull xahar ghoxrin fil-mija [20%] mill-qligh nett tieghu lill-konvenuta bhala manteniment ghaliha; u ghoxrin fil-mija [20%] <u>ohra</u> bhala manteniment ghall-ulied minuri sakemm dawn isiru maggjorenni, jew anke qabel jekk jibdew jahdmu bi qligh.

Il-manteniment, kemm tal-konvenuta ghaliha kif ukoll tat-tfal, ghandu jigi versat lill-konvenuta permezz ta' cheque fid-dar residenzjali taghha;

[4] tichad it-talba taz-zewg partijiet mahgmula reciprokament ghall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 48 u 51 tal-Kap.16;

[5] ixxolji b' effett millum il-komunjoni ta' l-akkwisti u tordna l-likwidazzjoni kif ser jinghad:

[a] illi d-dar matrimonjali bl-isem "Papillon" sitwata fi Triq il-Wasliet, kantuniera ma' Triq il-Ghajn, Swieqi, tinbigh fi zmien sena millum bis-subbasta, jew fuq is-suq liberu jekk il-partijiet hekk jifthemu, u r-rikavat jigi maqsum ugwalment bejn iz-zewg partijiet, wara li minnu jitnaqqsu [a] l-kontijiet kollha pendenti tat-telefon, dawl u ilma kif ukoll ic-cens fuq il-fond matrimonjali; [b] is-somma ta' sitt elef lira maltin Lm6,000 kreditu dovut lill-konvenuta u li ghandha tigi mhallsa lilha; [c] is-somma ta' elfejn lira maltin [Lm2,000] kreditu ta' l-attur bhala ekwiparazzjoni tal-valur tal-vettur u li ghandha tigi mhallsa lill-attur; [d] is-somma ta' hamest elef lira maltin [Lm5,000] li ghandha tigi depozitata f' wiehed mill-banek lokali fuq isem iz-zewg partijiet bhala joint account sabiex tikkawtela l-interessi tat-tfal minuri E u F dwar l-ispejjez ta' edukazzjoni, medici u sahha, sakemm isiru maggjorenni. Din is-somma ma tistax tingibed, in toto jew in parti, minn wiehed mill-konjugi wahdu, izda kull zbank, totali jew parzjali, jista' jsir biss versu l-firem taz-zewg partijiet, jew f' kaz ta' nuqqas ta' qbil bl-intervent ta' din il-Qorti wara l-produzzjoni tad-debiti dokumenti; dak li eventwalment jibqa' minn din is-somma, wara li F ssir maggjorenni, jinqasam ugwalment bejn il-partijiet;

Il-mobbli, ghamara u debeb, ghandhom jigu likwidati u assenjati kif mifthema bejn il-partijiet fis-seduta tas-17 ta' Novembru 2003; filwaqt li l-vettura Peugeot 206 ghandha tibqa' fil-pussess tal-konvenuta u l-van Tata jibqa' fil-pussess ta' l-attur.

Kull ammonti talvolta ezistenti fil-kontijiet bankarji tal-partijiet sal-gurnata tallum ghandhom jinqassmu ugwalment bejn il-partijiet.

[6] tichad it-talba ta' l-attur u l-kontro talba tal-konvenuta biex jigu konsenjati lilhom il-beni parafernali rispettivi taghhom, stante li ma tressqux provi in propositu;

[7] tilqa' t-talba tal-konvenuta rikonvenzjonanti sabiex dina tibqa' tabita fid-dar konjugali flimkien ma' uliedha ad eskluzjzoni ta' zewgha, limitatament sa sena millum, wara liema perijodu hi u uliedha ghandhom jivvakaw id-dar immedjatament sabiex din tinbiegh kif fuq ordnat; u ghalhekk il-konvenuta flimkein ma' uliedha huma ordnati minn issa sabiex jivvakaw il-fond matrimonjali mhux aktar tard mill-26 ta' Ottubru 2007.

[8] tinnomina lin-Nutar Dottor Joseph Tabone sabiex jippubblika l-att opportun fi zmien xaharjen millum fl-edifizju tal-Qorti f'data u hin fissati minnu, u lill-Avukatessa Graziella Bezzina sabiex tidher ghall-eventwali kontumaci.

[9] tichad il-kumplament tat-talbiet tal-partijiet;

L-ispejjez kollha jkunu a kariku ta' l-attur; hlief id-drittijiet tal-perit tekniku li ghandhom jigu sopportati wgwalment bejn il-partijiet, stante li l-ezercizju sar a beneficcju taz-zewg partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------